MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 38/2011

**Hilaire P. Vincenti (ID 0102427M)**

**vs**

**Nutar Dottor Sandro Schembri Adami (ID 0048863M)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

1. Illi r-rikorrenti jirki l-fond 2001/1, Triq l-Ifran, Valletta lill-intimat versu kera ta' erbgha u tmenin lira Maltin (Lm84) ossija mija u sebgha u disghin euro u sebgha u sittin cetezmu euro (€195.67) fis-sena;

2. Illi l-iskop ta' l-imsemmija kirja kien sabiex il-fond jintuza bhala ufficju professjonali;

3. Illi l-intimat ilu issa diversi snin li waqaf jipprattika l-professjoni tieghu u l-ufficju tieghu m'ghadux jintuza

ghall-iskop li ghalih gie mikri, u lanqas jista’ jintuza ghal tali skop ghal numru ta’ snin;

4. Illi l-ufficju lanqas ma huwa qieghed jintuza ghal ebda skop iehor, u ilu diversi snin maghluq;

5. Illi debitament interpellat sabiex jirritorna c-cwievet bonarjament, l-intimat irrifjuta u ddepozita l-kera taht l-Awtortita tal-Qorti;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jawtorizzah sabiex ma jgeddidx il-kirja kurrenti u sabiex tordna r-rilaxx u l-izgumbrament effettiv tal-fond entro terminu qasir u perentorju.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat:

1. Preliminarjament jigi eccepit ir-res judicata ta’ l-azzjoni odjerna in vista tal-fatt li l-meritu odjern gia jinsab deciz permezz ta’ procedura identika fir-rikors numru 71/2008GG;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal permess jinghad li t-talba kif dedotta hija legalment inammissibbli ghar-ragunijiet li sejrin jigu elaborati ahjar waqt l-ismiegh ta’ dawn l-istess proceduri;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess jinghad li t-talba dedotta hija nfondata kemm fuq bazi legali u kif ukoll dik fattwali kif ser jirrizulta ahjar waqt l-ismiegh ta’ dawn il-proceduri;

4. B’riserva li jigu prezentati risposti ulterjuri waqt l-ismiegh ta’ dawn l-istess proceduri f’kaz li jirrizulta hekk opportun.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Ra l-atti tal-kawza;

Semgha d-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidra:

Illi din hija sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat kwantu diretta sabiex twaqqaf dawn il-proceduri fuq l-iskorta tal-argument illi l-mertu gia ghadda in gudikat b'decizzjoni ta' dan l-istess Bord fl-14 ta' Frar, 2011;

Illi kif inhu pacifikament akkolt fil-gurisprudenza, sabiex tirnexxi din l-eccezzjoni ta' *res judicata* jehtieg l-konkorrenza ta' tlett elementi u cioe' *eadem res, aedem personae* u *eadem causa petendi.* (vide **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et PA 25.9.2003**, Digriet fl-atti tal-**Mandat ta'Inibizzjoni 3639/00 RCP 8/1/02 Av. Joseph M Sammut vs Tat-Taljan Co Ltd** per Onor. Mhallef R.C.Pace u **Joseph Caruana et vs Amelia Emanuela Ruggiet et App. Civ 14/7/04.** Di piu' dawn it-tlett elementi jehtieg li jikkonkorru flimkien sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-gudikat ghaliex altrimenti *nisi omnia concurrunt, alia res est* . Tajjeb ghalhekk illi qabel xejn ssir referenza ghas-sentenza ta' dan il-Bord dwar ir-rikors numru 71/2008 fl-ismijiet Hilarie P. Vincenti (ID 102427 M) –vs- Nutar Dottor Sandro Schembri Adami (ID 48863M) deciz fl-14 ta' Frar, 2011. Dik il-kawza kienet promossa mir-rikorrenti odjerna ghar-ripreza tal-istess fond ukoll in kwistjoni fuq il-premessa illi "l-intimat ilu diversi xhur li waqaf jipprattika l-professjoni tieghu, u l-ufficcju ma ghadux jintuza ghal l-iskop li ghalih gie mikri u lanqas jista' jintuza ghal tali skop ghal numru ta' snin" (ara kopja tas-sentenza fol 14 sa 17). Dik il-kawza kienet determinata kontra r-rikorrenti li naqset tipprova dak minnha allegat;

Jemergi ghalhekk illi ma hemm l-ebda dubju illi l-kawza odjerna u dik numru 71/2008 kienu proposti mill-istess rikorrenti u ghalhekk ***eadem personae.*** L-istess irid jinghad kwantu l-oggett tal-kawza, jigifieri l-fond 2001/1 Triq l-Ifran, Valletta stante li dan huwa l-istess fond li kien jifforma l-mertu tal-kawza l-ohra u ghalhekk jissussisti t-tieni element ***eadem res.***

It-tielet element ***eadem causa petendi*** imbaghad, bhalma jokkorri ta' spiss, jippostula certu diffikolta fl-interpretazzjoni tieghu. L-intimat jinsisti illi l-kawzali huma identici fiz-zewg rikorsi. Ghall-ahjar intendiment opportunement qed ikunu citati z-zewg kawzali fejn fil-kawza odjerna r-rikorrenti tghid hekk: "*illi l-intimat ilu issa diversi snin li waqaf jipprattika l-professjoni tieghu, u l-ufficcju tieghu m'ghandux jintuza ghall-iskop li ghalih gie mikri, u lanqas jista' jintuza ghal tali skop ghal numru ta' snin; illi l-ufficcju lanqas ma huwa qieghed jintuza ghal ebda skop iehor, u ilu diversi snin maghluq".* Issa, fil-kawza gia deciza, r-rikorrenti kienet ressqet is-segwenti kawzali: "*Illi ll-intimati ilu diversi xhur li waqaf jipprattika l-professjoni tieghu, u l-ufficcju ma ghandux jintuza ghal-iskop li ghalih gie mikri, u lanqas jista' jintuza ghal tali skop ghan numru ta' snin*". Minkejja somiljanza bejn iz-zewg kawzali, oltre li l-kawza odjerna takkludi kawzali gdida, r-rikorrenti argomentat fis-sottomissjonijiet taghha illi fl-ewwel kawza ddikjarat li l-fond kien ilu maghluq ghal tul ta' xhur filwaqt illi issa qed tikkontendi li l-fond ilu maghluq ghal numru ta' snin u li miz-zmien tas-sentenza sal-lum, il-fond xorta nzamm maghluq. B'hekk ir-rikorrenti targomenta illi issa hemm ksur gdid tal-obbligi lokatizzji, jigifieri nuqqas ta' uzu li huwa twil bizzejjed li jimmerita procedura gdida;

Kif gia inghad, dan l-element l-aktar li jippresta diffikultajiet u dan il-punt kien trattat *in extensio* mill-Qrati taghna. Fil-kawza **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et PA 25.9.2003**, kien sar ezami approfondit dwar x'jammonta *eadem causa petendi* u s-segwenti siltiet jimmeritaw li jkunu hawn riprodotti ghall-ahjar intendiment:

Illi qabel ma l-Qorti tqis dawn iz-zewg pozizzjonijiet, tosserva li gie wkoll ghadd ta' drabi mfisser li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taggha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni prokediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat

Illi dan it-taghlim gie mfisser u mtenni wkoll b’mod car hafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta’ Mejju, 1967** fil-kawza fl-ismijiet *Grima vs Fava et* li ghaliha u r-rassenja ta’ gurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

Illi, fil-qosor jinghad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u mpossibilita’ ta’ ko-ezistenza, allura jirrikorri r-rekwizit tal-identita’ tal-oggett li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eccezzjoni tal-gudikat;

Applikat dan l-insenjament ghal kwistjoni odjerna, r-rikorrenti ghandha ragun tteni illi una volta l-Bord kien ddecieda kontriha fl-ewwel kawza, jekk l-fond baqa’ jinzamm maghluq u mhux uzat ghall-iskop kontrattat, skond hi, wara dik is-sentenza, allura l-*causa petendi* hija diversa minn dik gia deciza. L-allegat *non uzo* tal-fond wara s-sentenza tal-Bord ghandhom jammontaw ghal cirkostanzi godda li jnisslu d-dritt tar-rikorrenti ghar-rimedju minn dan it-tribunal.

Hija ghalhekk id-decizjoni ta’ dan il-Bord illi ma jokkorrux l-elementi kollha tal-gudikat sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-intimat u ghalhekk l-istess eccezzjoni qed tkun michuda.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------